**SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000**
Educational Assessment Unit – Education Division

| **FORM 3** | **RELIGION** | **TIME: 1h 30min** |
|---|---|---|

Isem: ________________________________ Klassi: _______________

# TAQSIMA A

## Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:

1. X'inhi l-kuxjenza?

______________________________________________

______________________________________________

2. Fit-Trasfigurazzjoni min deher ma' Ġesù?

______________________________________________

3. Minn fejn jistgħu jiġu t-tentazzjoni li jkollna?
(Agħti 2 tweġibiet)

______________________________________________

4. Agħti 2 raġunijiet li għalihom Alla għandu jiġi l-ewwel f'ħajjitna.

______________________________________________

______________________________________________

5. X'inhu d-dagħa?

______________________________________________

______________________________________________

6. X'jitlob minna Alla l-ewwel u qabel kollox?

______________________________________________

______________________________________________

7. Għaliex għandna nirrispettaw lil xulxin?

______________________________________________

______________________________________________

8. X'inhu l-ewwel Kmandament?

______________________________________________

______________________________________________

9. X'irid jgħidilna Alla fl-ewwel Kmandament?

______________________________________________

10. Xi nsejħulhom il-kwalitajiet li Alla żejjinna bihom?

______________________________________________

(20 marka)

## TAQSIMA B

Imla din it-tisliba:




1. Din għandna naħarbuha biex ma naqgħux fit-tentazzjoni.
2. Oħt Marija u Lazzru.
3. Il-post fejn kienu joqogħdu Lazzru u ħutu.
4. Iben Sawl u ħabib kbir ta' David.
5. Lil dan Alla ħalqu fuq ix-xbieha tiegħu.
6. Il-Ħallieq u s-Sid ta' kollox.
7. Dan San Martin qasmu min-nofs .
8. Hawnhekk Ġesù ġie ttantat.
9. Hawn xi nies jadurawh għalkemm huwa għadu kbir ta' Alla.
10. Dan għandna nuru jekk vera nħobbu lill-ġenituri tagħna.

(10 marki)

## TAQSIMA Ċ

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb għal mistoqsijiet li hemm taħtha.**

### Ġesù jagħżel it-Tnax

(San Mark 3:13-19)

13 Tela' fuq l-għoljiet , u sejjaħ lejh dawk li ried. Huma resqu lejh, 14 u għażel tnax li semmiehom
appostli biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jippridkaw, 15 u jkollhom is-setgħa li jkeċċu x-
xjaten, 16 Għażel mela t-Tnax: Xmun, li tah ukoll l-isem ta' Pietru, 17 u Ġakbu ta' Żebedew, Ġwanni,
ħu Ġakbu, li tahom ukoll l-isem ta' Boanerges, jiġifieri wlied ir-ragħad, 18 u Indri, u Filippu, u
Bartilmew, Mattew, u Tumas, u Ġakbu ta' Alfew, u Taddew, u Xmun il-Kangħani, 19 u Ġuda l-
Iskarjota, dak li biegħu.

1. X'semmiehom Ġesù lit-tnax il-persuna li għażel?

   ____________________________________________

2. Għalfejn għażilhom Ġesù lil dawn in-nies?

   ____________________________________________

   ____________________________________________

3. Ikteb erba' ismijiet mill-persuni li għażel Ġesù.

   __________ __________ __________ __________

4. Semmi erba' affarijiet li juru kemm Ġesù kellu ħbiberija sinċiera mat-tnax li għażel.

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

5. X'jgħallimna Ġesù dwar kif għandna nkunu ħbieb sinċieri. Agħti żewġ eżempji.

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

(20 marka)

## TAQSIMA D

**Ikteb IVA jew LE fil-kaxxa ta' ħdejn kull sentenza.**

1. Li jkollna ħinijiet fissi li fihom niftakru f'Alla hija ħaġa tajba. ☐
2. Nistgħu ngħidu lil Alla talb li nkunu tgħallimna bl-amment. ☐
3. Meta Ġesù għallimna nitolbu, l-ewwel kelma li għallimna biex ngħidu hija Missierna. ☐
4. It-talb ifisser dejjem nitlob lil Alla biex itini xi ħaġa. ☐
5. Aħna għandna nitolbu meta jkollna aptit biss. ☐

(5marki)

## TAQSIMA E

### Agħmel sinjal taħt l-aħjar tweġiba.

1. il-marka li biha wieħed jingħaraf li hu nisrani hija l-imħabba li biha jħobb ( lil ħbiebu biss, lil min jiġi minnu, lil kulħadd ).
2. Fit-Trasfigurazzjoni il-leħen minn ġos-sħaba li instema' jgħid "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu" kien ta' ( Alla l-Missier, Mosé, Elija ).
3. Fit-tagħlim tiegħu Ġesù jgħidilna: "Ishru u itolbu biex ma tidħlux ( f'ħafna ġlied, fit-tiġrib, f'xi nasba ).
4. Ġonatan kien it-tifel ta' ( Ġesse, Lazzru, Sawl ).
5. Ir-rakkont tal-ħolqien tal-bniedem insibuh miktub fil-ktieb ( tal-Eżodu, tal-Ġenesi, tas-Salmi ).

(5 marki)

## TAQSIMA F

### Agħżel <u>tnejn</u> min-numri 1, 2, 3, 4 ta' hawn taħt u ikteb <u>30 kelma fuq kull waħda minnhom</u> <u>(60 kelma b'kollox)</u>. <u>Ikteb fuq il-karta pprovduta</u>.

Il-kuxjenza turina li biex niddeċidu tajjeb għandna:

1. Inkunu midħla tat-tagħlim ta' Ġesù.
2. Neżaminaw lilna nfusna fid-dawl ta' Ġesù.
3. Nistaqsu u nfittxu l-parir ta' nies kompetenti li jistgħu jgħinuna.
4. Nitolbu d-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu.

(20 marka)

## TAQSIMA G

### Agħżel <u>tnejn</u> min-numri 1, 2, 3, 4 ta' hawn taħt u ikteb <u>30 kelma fuq kull waħda minnhom</u> <u>(60 kelma b'kollox)</u>. <u>Ikteb fuq il-karta pprovduta</u>.

Aħna ngħożżu s-sbuħija tas-sess li tana Alla:

1. Fil-mod kif nilbsu.
2. Fil-mod kif nużaw għajnejna.
3. F'dak li naħsbu u nimmaġinaw.
4. Fil-mod kif nitkellmu.

(20 marka)